MALTA TOURISM AUTHORITY

media release

**Date:** 29/07/2017

**Ref:** 51-2017

## MTA Intervenes; St Paul's Bay Now Boasts of a Renovated Promenade

A newly renovated promenade along the area known as Tal-Għażżelin in St Paul's Bay translates into more open spaces available for tourists and residents alike. The area lends itself to the enjoyment of natural scenes, whilst leading up to the Wignacourt Tower, an imposing structure that dates back to 1610.

Major works on the promenade were carried out initially in 2010. However, with the passing of time, the material used in its making were in dire need of restoration. Various elements contributed towards its degradation, including exposure to sunlight and sea spray and the presence of other elements that caused constant erosion, such as pigeons.

The Malta Tourism Authority (MTA) intervened in renewing all 800metres that make up the promenade, so that it is now in a suitable state. A particular stumbling block was encountered due to the fact that the type of material used in the initial project has since changed in nature and the manufacturer was not able to match the original specifications. A new type of material had to be sourced and used in the area's facelift. One may also find a number of benches along the area, that are frequented very often.

Tha MTA will issue a public tender at a later date, in order to ensure that the promenade is further embellished so as to be enjoyed by those frequenting the area.

MTA's Chief Executive Officer, Mr Paul Bugeja, stated how the MTA regards such projects as a way of strengthening the Maltese tourism product. Concepts such as accessibility and aesthetics are of fundamental importance in ensuring that our vistors have positive experience on our islands.

Attached, kindly find photos pertaining to the state in which the promenade was before works commenced, and the change brought about by the MTA's intervention.

**L-MTA Tintervjeni: Promenade Xierqa f'San Pawl il-Baħar**

Wiċċ ġdid għall-promenade f'Tal-Għażżelin f'San Pawl il-Baħar ifisser aktar spazju miftuħ disponibbli għat-tgawdija tat-turisti, residenti u familji. Iz-zona tippermetti li filwaqt li wieħed igawdi minn xeni naturali, jammira wkoll it-Torri ta' Wignacourt, li l-bini tiegħu jmur lura għall-1610.

Il-promenade kien ingħata wiċċ ġdid fl-2010, iżda biż-żmien, il-materjal kellu bżonn ammont ta' ħidma riparattiva. Huma diversi l-elementi li wasslu biex il-promenade ittiekel, fosthom ix-xemx kostanti, l-ilma baħar u anke fatturi oħra, bħall-preżenza ta' ħamiem fl-akwata.

L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) intervjeniet, biex issa t-800 metru ta' promenade jinsab fi stat tajjeb mill-ġdid. Sfida partikolari kienet tinsab fil-fatt li l-materjal li ntuża oriġinarjament biex issir il-promenade inbidel xi ftit fl-għamla tiegħu u ma kienx disponibbli eżatt kif kien fil-bidu. Għaldaqstant instab materjal simili ħafna u li permezz tiegħu iz-zona ħadet ir-ruh, kemm bħala dehra u kemm bħala aċċessibbilità. Tul din il-medda art wieħed isib anke bankijiet, li huma frekwentati ħafna.

L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu qed taħseb biex eventwalment toħroġ sejħa għall-offerti, sabiex il-promenade tkompli tissebbaħ u tagħmel ġieh liz-zona li fiha tinsab.

Il-Kap Eżekuttiv tal-MTA, is-sur Paul Bugeja, stqarr li l-MTA tħares lejn proġetti ta' dan it-tip bħala mod kif il-prodott Malti jista' jkompli jissaħħaħ u jitjieb. Żied jgħid li kunċetti bħall-aċċessibilità u l-estetika f'kull aspett tal-prodott Malti huma kruċjali biex l-esperjenza tat-turist f'pajjiżna tkun waħda tassew pożittiva.

Anness, tista' tara kif kienet il-promenade, u kif saret wara intervent mill-MTA.



